Minuti tal-51 laqgha tas-seba’ Kunsill Lokali l-Gharb li giet imsejjha b’urgenza u li saret nhar it-Tlieta 7 ta’ Lulju, 2016.   Il-laqgha nbdiet hin 7.38pm.

**Il-laqgha bdiet b’dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Apap Agius |
| Vici-Sindku | Carmen Vella |
| Kunsillier | Emanuel Muscat<br>Shirley Ann Cecchini |

**Ufficjali:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Ezekuttiv | Emily Amatulli-Depasquale |

L-Ambaxxatrici V16, Katrina Grima ma setghetx tattendi ghal-laqgha u ghalhekk kienet qed tigi skuzata.

**1.0 Permessi tal-fabriki tan-nar fil-lokalita’**

Is-Sindku spejga li din il-laqgha gie imsejjha b’urgenza wara l-izviluppi ricenti li saru rigward il-permessi tal-fabriki tal-nar gewwa l-Gharb.

Il-kelma kmamar tan-nar m’ghadix tiffitja ghaliex dawk saru fabbriki tan-nar b'mod kummercjali.

Gie spjegat li t-Tnejn 4 ta’ Lulju, gie approvat permess ghal *outline development permit* u hemm zmien ta’ madwar 15-il gurnata sabiex wiehed ikun jista’ jaghmel ogezzjoni. Apparti dan il-permess hemm proposti zewg kmamar tan-nar godda.  Is-Sindku qal li ma jaqbilx li iz-zona tal-Gharb tkun il-*hub* ta' fabbriki li jahdmu l-isplussivi. Din iz-zona ser issir zona ta' periklu u kull sforz li ghamel il-Kunsill sal-lum sabiex ser ikun sar kollu ghal xejn ghax mhux ser ikun jista’ jitgawda. Il-Kunsill qabel ma’ dan l-istatement.

Fuq *site plan* kienu indikati l-fabbriki attwali, l-permess il-gdid kif ukoll dawk li jistghu jkunu  proposti godda quddiem l-awtorita’.

Pjanta tindika 1 u 2 huma dawk esistenti, numru 3 hija dik li inharget l-*outline development permit* u 4 u 5 huma dawk proposti.

Id-diskussjoni saret fl-ambitu ta' diversi setturi li jolqtu lil polplu tal-Gharb, pubbliku generali  u z-zona fil-konfini. Il-punti diskussi huma;

1. Is-settur agrikolu
2. Is-settur turistiku
3. Is-settur ekonomiku fir-rigward tal-propjeta' u prodotti agrikoli
4. Is-siti storici
5. Il-progetti li kienu benefikanti mill-Unjoni Europeja kemm dak tal-Kunsill kif ukoll minn skemi ghall-bdiewa
6. L-access ghal pubbliku u zoni restretti
7. Access tal-materja ghall-manifattura
8. Access ghall-materjal mahdum biex jingarr ghall-attivitajiet f'Ghawdex u Malta
9. Access ta' garr ta' prodotti importati li ser ikunu storjati f'dawn il-fabbriki u l-garr lura 'l barra ghall-attivitajiet biex jinharaq
10. Access mit-toroq residenzjali

Dwar il-fabbriki ezistenti wiehed irid jara kemm huma qed izommu mar-regolamenti u ghandha tinfetah diskussjoni mall-awtoritajiet dwar sorveljanza assoluta u li dawn mhux jiksru ebda regola.

Emanuel Muscat qal li skond il-policy gdida tal-MEPA iridu jitpoggew tabelli indikattivi li juru l-periklu tal-kmamar u jitfghu responsabilita' tal-individwu jekk jersaq f'din iz-zona u wera ritratt taghom.

7.42pm Anthony Camilleri dahal ghal-laqgha.

Anthony Camilleri qal li huwa ghandu ghelieqi fil-madwar u kif hadd ma infurmah. Huwa saqsa jekk hemmx regola li tghid li min qed japplika ghall-permess irid jinforma lil ta' madwaru.

Emanuel Muscat qal li haga sbaljata li qeghda issir hija li xi nies jghidu li ahjar ikollok karma tan-nar milli ikollok xi gar li jkun jahdem in-nar f'*garage* ma' genbek. Huwa zied jghid li min jahseb hekk m'ghandux fiducja fil-pulizija li dawn jaghmlu xogholhom.

Emanuel staqsa ukoll min ser ikun responsabbli minn dan ghax fil-kaz ta' meta wiehed ikun qed jaghmel xoghol ta' kostruzzjoni gewwa d-dar tal-HOS jobbligawk li tassigura s-sahha tal-haddiem dment li jkun qed iwettaq ix-xoghol.

Emanuel Musat qal li l-insurance issir biss meta jkun hemm hruq tan-nar bhal fil-festi ecc..

Is-Sindku staqsa jekk il-kmamar tan-nar ghandhomx xi tip ta' assikurazzjoni. Emanuel Muscat qal li jekk wiehed ikollu negozju gewwa zona industrjali jkollu bzonna pero' f'dan il-kaz ma jafx. Is-Sindku qal li l-probabilita' hija li jkollhom bzonn xi tip ta' *public liability insurance*.

Kien hemm qbil li ghandha tinkiteb ittra lill-Arcipriet fejn dan jigi mistoqsi jekk il-Knisja ghandiex x'taqsam ma' dan il-permess peress li din qed tisejjah kamra tan-nar ghal festa tal-Gharb.

Dwar iz-zona ta' fejn ghandha tkun allokata wiehed irid jara. Huwa zied jghid li mhux sew li n-nies li jahdmu in-nar minn irhula ohra jinghtaw permess sabiex iwaqqfu fabbrika tan-nar fil-konfini tal-Gharb. Saret diskusjoni u kien hemm qbil li din il-materja ghanda tigi diskussa aktar fid-dettal waqt il-laqgha li jmiss il-gimgha diehla.

Komplew ikunu diskussi il-punt ta' fuq u kien deciz li ghandu jitwaqqaf *working group* f’dan ir-rigward sabiex tkun diskussa il-*way forward*. Shirley qalet li l-MEPA ghandha tara l-affarijiet sewwa qabel ma’ jiddeciedu. Anthony Camilleri qal li l-problema fuq kollox huwa l-periklu.

Emanuel Muscat qal li problema ohra li tesisti hija li meta jkun qed jahdem il-mehries dan ikun fuq timer u ma jkun hemm hadd fil-kamra.  Ghalhekk min ikun qieghed fiz-zona u jara li kulhadd hareg jahseb li jista’ jserrah mohhu filwaqt li fir-realta’ dan l-appart li huwa perikoluz ikun qed jiffunzjona.

Is-Sindku qal li jekk il-Kunsill ha jappella irid jara kif ser jaghmel dan.

Emanuel Muscat iddikjara li huwa ghandu interess u ghaldaqstant ma jista’ jiehu sehem fil-vot. Emanuel Muscat hareg mill-kamra.

Is-Sindku qal li ser jiehu il-parir tad-Dipartiment fuq min ghandu u le interess u jekk jistax jiehu decizjoni ahharija.

Kien hemm qbil li ghandha tinzamm laqgha mall-MEPA u mall-kummissarju tal-Pulizija sabiex ikunu studjati diversi punti imqajma.

Is-Sindku qal li l-Kunsill kien fassal bye-law li kienet thares l-interess tar-residenti pero’ din kienet michuda ghar-raguni li hemm il-ligi civili.

Kien hemm qbil li ghandhom jinsabu professjonisti li kapacci jinfurmaw lil Kunsill l-ligi x' tghid u l-policies il-godda.

Saret diskussjoni fejn il-Kunsill qabel li jkun *objector* f’dan il-permess u li johrog staqarrija ghall-istampa. Il-Kunsill qabel li bhala avukat jista’ jigi avvicinat Dr. Jean Paul Grech u Dr. Georgina Schembri.

8.25pm   Emanuel Muscat gie imsejjah u dahal lura fil-kamra.

Waqt il-laqgha sar kuntatt permezz tat-telephone mall-Perit Coccobardo fejn dan ikkonferma li ser jaghti ghajnuna lill-Kunsill sabiex issir stqarrija ghall-istampa. Kif tkun lesta din ser tghaddi ghand il-Kunsill ghal qbil u biex tigi ppublikata.

Il-laqgha intemmet fit-8.30pm.

Konfermati minn

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| David Apap Agius | Emily Amatulli-Depasquale |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |